MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 6/2021 LM

**Dolores Grech (K.I. 409759M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('id-Direttur Ġenerali appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] tal-25 ta' Frar, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Arbitru laqa' l-appell tar-rikorrenti **Dolores Grech (K.I. 409759M)** [minn issa 'l-appellata'] minn deċiżjoni li kien ħa

d-Direttur intimat fit-13 ta' Novembru, 2019 u li permezz tagħha r-rikorrenti kienet ġiet infurmata li ma kinitx għadha eliġibbli sabiex tirċievi l-Pensjoni tal-Età.

**Fatti**

2. Fl-14 ta' Marzu, 2019, ir-rikorrenti kienet applikat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex tibda tirċievi l-Pensjoni tal-Età. Permezz ta' ittra mibgħuta lilha fit-13 ta' Novembru, 2019, ir-rikorrenti ġiet infurmata li hija ma kinitx intitolata għal din il-pensjoni għaliex id-Direttur intimat ma kienx sodisfatt li hija ma ċaħħditx lilha nnifisha mill-kapital sabiex tkun tista' tikkwalifika għal tali pensjoni. F'din l-ittra, ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li f'każ li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat, hija kellha dritt tappella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru.

**Mertu**

3. Fl-appell tagħha lill-Arbitru, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet wirtet fond li nbiegħ bil-prezz ta' €65,000, li minnhom hija ħallset €6,000 f'taxxi, u kważi €6,000 arretrati tad-dawl u l-ilma. Qalet li hija inkorriet spejjeż fl-ammont ta' madwar €7,000 sabiex tirranġa d-dar tagħha u xtrat vettura li swiet madwar €22,000 oħra.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li minn stħarriġ li għamel id-Dipartiment, irriżulta li r-rikorrenti biegħet proprjetà bil-prezz ta' €65,000, liema proprjetà ma ġietx dikjarata minnha fl-applikazzjoni tagħha għall-Pensjoni tal-Età. Mir-rikavat ta' dan il-bejgħ ir-rikorrenti tat is-somma ta' €40,000 lil binha Dillon Bugeja sabiex ikun jista' jixtri żewġ garaxxijiet. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li huwa għalhekk li huwa ma setax ikun sodisfatt li r-rikorrenti ma ċaħħditx lilha nnifisha mill-kapital sabiex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età.

5. Fil-proċeduri quddiem l-Arbitru ġiet ippreżentata kopja tal-kuntratt tal-15 ta' Mejju, 2017 fl-atti tan-Nutar Patrick Critien bejn ir-rikorrenti Doris Grech u ċertu Alan Grima, li akkwista mingħand ir-rikorrenti l-mezzanin bin-numru uffiċjali 20, Brighella Street, il-Ħamrun, bil-prezz ta' €65,000. In-Nutar Critien bagħat dikjarazzjoni lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali fejn spjega li mill-bejgħ ta' dan il-fond għall-prezz ta' €65,000, ir-rikorrenti ħallset l-ammont ta' €5,895 bħala taxxa, €5,000 bħala arretrati u tat l-ammont ta' €40,000 lit-tifel tagħha sabiex ikun jista' jakkwista żewġ garaxxijiet u jħallas it-taxxi fuqhom.

6. Quddiem l-Arbitru ġie ppreżentat ukoll *statement bankarju* għall-perijodu bejn il-25 ta' Diċembru, 2016 u t-23 ta' Diċembru, 2017, minn fejn jirriżulta li fuq medda ta' sitt xhur ir-rikorrenti ġibdet aktar minn €12,000 mill-kont bankarju tagħha. Ir-rikorrenti xehdet quddiem l-Arbitru fejn spjegat li hija għandha karozza li kien tahielha l-uniku binha u li kienet iżżommha f'garaxx. Qalet li fil-garaxx l-ieħor binha kien iżomm il-vettura tiegħu, u dawn il-garaxxijiet kienu jintużaw għall-użu personali tagħhom. Ir-rikorrenti spjegat li l-

fond li hija kienet biegħet, kien tħalla lilha b'wirt minn missierha. Qalet ukoll li t-tifel tagħha għandu bżonnijiet speċjali.

## Id-Deċiżjoni Appellata

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Frar, 2021, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

*"Illi permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-13 ta' Novembru, 2019, l-appellanta ġiet infurmata mill-Appellat li l-applikazzjoni tagħha għall-Pensjoni tal-Età (AP) kienet ġiet mistħarrġa/riveduta u ġie deċiż li hi ma kinitx/m'għadhiex aktar intitolata għal din il-pensjoni għaliex id-Direttur mhux sodisfatt li ma ċaħħadtx lilek innifsek mill-kapital sabiex tikkwalifika għall-għajnuna soċjali jew/u għall-pensjoni tal-età;*

*Illi għal din il-konklużjoni tad-Direttur appellat, l-Appellanta, a tenur tad-dritt mogħti lilha mill-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, interponiet appell fejn issottomettiet illi kellu jirriżulta li l-post li wirtet kien inbiegħ bil-prezz ta' euros 65,000 li minnhom ħallset euros 6,000 bħala* capital gains tax *kif ukoll kellha tħallas arretrati ta' kważi euros 6,000 tad-dawl u ilma. Apparti dan ħallset biex irranġat id-dar madwar euros 7,000 u xtrat vettura euros 22,000 li hija* automatic*;*

*Illi d-Direttur Appellat laqa' għal dan l-appell billi kkontenda li minn stħarriġ li għamel id-dipartiment irriżulta li l-appellanta biegħet il-proprjetà numru 20, Triq Brighella, Ħamrun, liema proprjetà ma ġietx iddikjarata fuq l-applikazzjoni, għall-prezz ta' €65,000. Mir-rikavat ta' dan il-bejgħ hi tat is-somma ta' €40,000 lil binha Dillon Bugeja (273195M) biex jixtri żewġ garaxxijiet.*

*Provi prodotti*

*Illi l-Appellat żamm sod fuq id-dikarazzjoni u deċiżjoni oriġinali minnu meħuda u kompla sabiex ikkontenda li d-Dipartiment ma jinteressahx dwar kif intefqu l-flus iżda jara li huwa nuqqas kbir li l-appellanta ma nfurmatux dwar il-bejgħ.*

*Illi da parti tagħha l-appellanta kkontendiet li l-allegati* garages *inxtraw purament għall-bżonnijiet u użu esklussiv tagħha u ta' binha li huwa persuna li tbati minn nuqqasijiet fiżiċi. Hija kompliet billi qalet li bl-ebda mod ma riedet tinganna lil xi*

*ħadd meta ma nfurmatx lid-Dipartiment u l-fatt li ġew mixtrija fuq binha kien sempliċiment għax dan huwa l-uniku wild tagħha u għada jew pitgħada ried jgħaddi għandu.*

*Ikkunsidra s-segwenti:*

*Illi l-appell kollu huwa ċentrat fuq mistoqsija waħda u ċioe: il-fatt li l-omm tat il-flus lil binha sabiex jixtri l-*garages *fuq ismu jista' jiġi kunsidrat bħala raġuni li ma ġġibx is-sanzjoni tal-liġi kif mitlub mid-Dipartiment?*

*Illi huwa ċar li sabiex id-deċiżjoni tad-Dipartiment tirnexxi, sta għalih li jipprova li ċ-ċaħda da parti tal-appellanta kienet tali li huwa evidenti li kienet intiża sabiex tiżvesti lilha nfisha minn fondi sabiex jirrenduha eliġibbli sabiex tikkwalifika għall-benefiċċju li hi qiegħda titlob u f'dan il-każ din hija għall-pensjoni tal-età.*

*Illi min-naħa l-oħra jirriżulta u mhux kontradett li l-appellanta, l-unika wild li għandha, ibati minn diżabilità fiżika. Jirriżulta wkoll li l-istess wild u l-istess appellanta huma t-tnejn proprjetarji ta' vetturi separati u għal liema kien jeħtieġ li jkollhom* garage *fejn ipoġġu dawn l-istess vetturi.*

*Illi rriżulta u mhux kontra pruvat illi dawn iż-żewġ proprjetajiet ossia* garages *inxtraw u qed jintużaw għall-użu esklussiv tagħhom.*

*Illi għalhekk l-Arbitru qed jasal għall-konklużjoni li l-użu hu meritat u ġustifikat u ma hux meqjus bħala xi spiża kapriċċuża sabiex tqarraq bid-Dipartiment.*

***Decide***

*Għaldaqstant l-Arbitru, filwaqt illi jagħmel referenza għas-suespost u għall-aggravji tal-appellanta kif dedotti, jiddisponi minn dan l-appell billi:*

*i. Ma jikkondividix il-konklużjoni raġġunta mid-Direttur għal Għajnuna Soċjali u ċioe li d-Direttur mhux sodisfatt li ma ċaħħadtx lilek innifsek mill-kapital sabiex tikkwalifika għall-għajnuna soċjali u/jew għall-pensjoni tal-età;*
*ii. Jannulla u jikkanċella d-deċiżjoni tad-Direttur tat-13 ta' Novembru, 2019;*
*iii. Jilqa' l-appell tal-appellanta kif dedott.*

## L-Appell

8. Id-Direttur appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fis-6 ta' April, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-25 ta' Frar, 2021, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tat-13 ta' Novembru, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

9. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, għaliex skont hu, l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett. Qal li l-Arbitru ma kienx korrett meta kkonsidra li kien jinkombi fuq id-Direttur Ġenerali appellant l-oneru tal-prova li l-appellata żvestiet lilha nnifisha minn kapital sabiex tirrendi lilha nnifisha eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età. Qal li ladarba l-appell quddiem l-Arbitru tressaq mill-appellata, kien jinkombi fuqha l-oneru li tressaq provi konkreti sabiex tissostanzja l-appell tagħha, u li hija tissodisfa r-rekwżiti kollha tal-liġi għall-finijiet ta' eliġibbilità għall-pensjoni. L-appellant qal li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuniet u benefiċċji tas-sigurtà soċjali, huwa dejjem fuq dak li jkun qiegħed jitlob dik l-għajnuna. Qal li l-appellata ma ġabet l-ebda prova li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant kienet żbaljata, anzi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellata kienet biegħet proprjetà li ddevolviet fuqha minn wirt, u din il-proprjetà ma kinitx ir-residenza ordinarja tagħha. L-appellant qal li l-appellata, minflok żammet il-flus minn dan il-bejgħ sabiex tkun tista' tgħix bihom mingħajr ma tiġi bżonn l-assistenza soċjali, għażlet li tgħaddi ammont sostanzjali minn dawn il-flus lil binha sabiex ikun jista' jixtri żewġ garaxxijiet f'ismu. Id-Direttur Ġenerali appellant qal li f'dan il-każ l-appellata naqset ukoll milli tipprova kif hija kienet nefqet l-ammont ta' €14,000, jiġifieri l-ammont li kien għad fadlilha wara li għaddiet €40,000 lil binha. L-appellant qal li għalhekk jirriżulta li l-appellata ma skarikatx l-oneru li kellha fuqha sabiex tipprova li hija m'għaddietx dawn il-flus lil binha sabiex tirrendi lilha nnifisha eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età.

10. L-appellant spjega li l-artikolu 66 tal-Kap. 318 jistabbilixxi diversi rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età. Qal li meta jsir it-test tal-mezzi skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi, wieħed irid iqis ukoll kull proprjetà jew dħul li l-persuna konċernata tkun direttament jew indirettament ċaħħdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd għall-Pensjoni tal-Età, jew inkella biex ikollha jedd għal rata aktar vantaġġuża. L-appellant qal li mill-bejgħ tal-proprjetà li wirtet, l-appellata kellha fil-pussess tagħha ammont konsiderevoli ta' flus, li indubbjament jaqbżu l-iskala ta' €14,000 stabbilita mil-liġi. L-appellant qal li l-appellata riedet li tgħaddi ammont sostanzjali mir-rikavat ta' dan il-bejgħ lil binha, u dan il-ġest ifisser li hija kellha mezzi adegwati biżżejjed sabiex tgħajjex lilha nnifisha. Qal li l-fatt li iben l-appellata għandu bżonnijiet speċjali huwa fattur irrilevanti għall-mertu ta' dan il-każ, u ma kienx fattur li kellu jwassal lill-appellata tiddeċiedi li tiddisponi minn ġidha. L-appellant qal li f'każ li iben l-appellata kien daqstant fil-bżonn, ma kien hemm xejn x'ixekklu milli japplika huwa stess għall-għajnuna pprovduta mill-Istat. Żied jgħid li permezz tal-bejgħ tal-fond u r-rikavat li daħħlet minnu, l-appellata wriet li kienet eċċediet l-iskala stipulata mil-liġi, u barra minn hekk, bid-donazzjoni li għamlet favur binha, qiegħda ċċaħħad lilha nnifisha mill-kapital tagħha stess sabiex tkun eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età. B'żieda ma' dan, l-appellant qal li l-appellata kellha tinforma lid-Dipartiment bit-trasferiment li hija għamlet, u l-fatt li hija naqset milli tagħmel dan, juri li l-appellata kienet taf li ma kienx jistħoqqilha tibbenefika mill-Pensjoni tal-Età. L-appellant qal li għandu jirriżulta li ladarba l-appellata ma ġabitx provi konvinċenti li hija ma ċaħħditx lilha nnifisha mill-kapital tagħha, id-Direttur Ġenerali appellant ma kellux ikun sodisfatt li l-appellata hija eliġibbli għall-

Pensjoni tal-Età. Qal ukoll li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jittollera abbużi. Qal li għalhekk l-Arbitru naqas milli japplika korrettement il-liġi proċedurali dwar l-oneru tal-provi; naqas milli japplika korrettement id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 u tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda għall-Kap. 318; u naqas ukoll milli jieħu kont tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għal dak li jirrigwarda donazzjonijiet ta' flus jew ta' proprjetà li jkunu saru minn dawk li jippretendu l-ħlas tal-benefiċċji soċjali mill-Istat. Qal ukoll li l-Arbitru naqas milli japplika l-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja skont l-obbligi imposti fuqu permezz tal-artikolu 108(9) tal-Kap 318. L-appellant qal li l-Arbitru kien obbligat li jħares il-liġi u japplikaha f'kull każ li jiġi ppreżentat quddiemu, imma fil-każ odjern l-Arbitru sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, huwa ma applikax il-liġi kif kien mistenni minnu.

L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għall-appell fit-terminu mogħti lilha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, li jgħid li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Mill-provi jirriżulta li wara li l-appellata applikat sabiex tibda tibbenefika mill-Pensjoni tal-Età, hija ġiet mgħarrfa mid-Direttur Ġenerali appellant li ma kinitx tikkwalifika għal din il-pensjoni għaliex lid-Direttur Ġenerali appellant irriżultalu li hija kienet spussessat ruħha mill-kapital sabiex tkun eliġibbli għall-għoti ta' din il-pensjoni. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li l-

appellata kienet wirtet proprjetà fil-Ħamrun li hija biegħet għall-prezz ta' €65,000, u mir-rikavat hija għaddiet somma sostanzjali ta' madwar €40,000 lil binha sabiex dan ikun jista' jixtri żewġ garaxxijiet. L-appellant innota li l-appellata ma kien baqgħalha xejn mir-rikavat tal-bejgħ tal-imsemmija proprjetà, u fuq medda ta' ftit xhur hija ġibdet mill-kont bankarju tagħha aktar minn €12,000, b'tali mod li meta għamlet applikazzjoni sabiex tibda tirċievi l-Pensjoni tal-Età, l-appellata kien għad baqgħalha biss madwar €300 fil-kontijiet bankarji tagħha. L-appellant spjega li f'każijiet bħal dawn, ikun jinkombi fuq il-parti li tressaq l-appell quddiem l-Arbitru li tipprova li hija eliġibbli għall-benefiċċju li tkun qiegħda tapplika għalih, u l-unika prova li rriżultat mill-atti hija li l-appellata verament wirtet u biegħet din il-proprjetà, u sussegwentement għażlet li tgħaddi somma konsiderevoli ta' flus lil binha.

12. Wara li l-Qorti kkunsidrat il-fattispeċi kollha tal-każ odjern, bħala fatt jirriżulta li l-appellata żammet mistura mid-Direttur Ġenerali appellant informazzjoni dwar il-proprjetà li hija wirtet u biegħet. Jirriżulta wkoll illi minkejja d-donazzjoni ta' madwar €40,000 li l-appellata għamlet favur binha, hija kien fadlilha bilanċ mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà li kien jirrendiha ineliġibbli biex tirċievi l-pensjoni tal-età mill-Istat, għaliex dan il-bilanċ kien jeċċedi l-limitu tal-kapital stabbilit mil-liġi. Fil-fatt l-artikolu 66 tal-Kap. 318 jipprovdi li sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età, din trid tissodisfa għadd ta' rekwiżiti, fosthom li l-mezzi tagħha fil-ġimgħa ma jkunux iżjed mill-ogħla rata tal-Pensjoni tal-Età.[1] Jirriżulta wkoll li l-appellata żvestiet

[1] It-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta tipprovdi illi: *"Sabiex jinħadmu x'inhuma l-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 66, għandhom jitqiesu kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi trust (minbarra d-dar ta' residenza) dħul jew privileġġ skont kif imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda; u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-*

ruħha minn somom konsiderevoli ta' flus, madwar €12,000 fuq medda ta' sitt xhur, mingħajr ma tat l-ebda spjega dwar dawn il-flus fiex intefqu. Mill-provi jirriżultaw ukoll verżjonijiet differenti dwar kemm kien l-ammont li l-appellata tat lil binha, u jekk parti sostanzjali mir-rikavat użathiex sabiex tagħmel miljoramenti fid-dar u għax-xiri ta' vettura *automatic.* Il-Qorti tirritjeni li kien jinkombi fuq l-appellata l-oneru tal-prova li hija kienet tikkwalifika għal pensjoni tal-età, xi ħaġa li l-appellata naqset milli tagħmel. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellata ttrasferiet il-proprjetà u tat donazzjoni ta' somma konsiderevoli ta' flus lil binha b'mod liberu u gratuwitu, mingħajr ma kkonsidrat li bir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà li wirtet, hija setgħet tgħix għal diversi snin ħajja komda u mingħajr ma jkollha għalfejn iddur fuq l-Istat għall-għajnuna soċjali. L-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu argumenta li l-fatt li iben l-appellata għandu ċerti bżonnijiet, huwa irrilevanti għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, għaliex iben l-appellata seta' jikkwalifika sabiex jingħata l-għajnuna soċjali.

13. Il-Qorti tqis li f'każijiet bħal dawn, ċertament li mhux sew li wieħed jippretendi li d-Direttur Ġenerali appellant għandu jagħlaq għajnejh għal aġir ta' xi ħadd bħall-appellata sabiex tkun is-soċjetà li ssostni lil xi ħadd bħall-appellata, meta hija kellha l-mezzi finanzjarji tagħha biex tgħix b'mod diċenti.

---

*paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, meta l-limiti indikati fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda jinqabżu, il-persuna li tkun qed titlob li tingħata l-Pensjoni tal-Età skont il-każ, għandha titqies li ma tkunx eliġibbli għal dik il-pensjoni;*

*Iżda fil-kalkolu tal-mezzi skont dan il-paragrafu, minflok il-limiti stipulati fil-proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda, għandhom minflok jitqiesu fil-kalkolu tal-mezzi €14,000 fil-każ ta' persuna waħedha jew ta' armel jew armla jew €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa."*

It-tielet paragrafu tal-istess Taqsima jgħid hekk: *"Il-proprjetà jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li l-persuna konċernata tkun direttament jew indirettament ċaħħdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd għal Pensjoni tal-Età, skont il-każ jew biex ikollha jedd għal rata aktar vantaġġuża ...".*

F'każ li l-appellata ħasset li għandha tgħin lil binha billi tittrasferilu proprjetà, hija kienet fil-libertà kollha li tagħmel dam, iżda ma tistax imbagħad iddur fuq l-Istat sabiex iwiżinha fil-ħtiġijiet tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u in vista tal-fatt li jirriżulta li d-Direttur Ġenerali appellant kien korrett fil-konklużjonijiet tiegħu li l-appellata ċaħħdet lilha nnifisha minn kapital sabiex tkun eliġibbli għall-għajnuna soċjali, il-Qorti tqis illi l-aggravju mressaq mill-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tilqa' l-aggravju tal-appellant, tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant fl-ittra tiegħu tat-13 ta' Novembru, 2019.**

**Spejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**